Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20, 290, 5 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 293 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Physical Education and Sport – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Physical Education and Sport – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Physical Education and Sport – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Physical Education and Sport – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Physical Education and Sport – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Physical Education and Sport – P.G. Dip.;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2084 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, f'qasam ta' studju meqjus bħala xieraq mill-Bord; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III f'qasam ta' studju meqjus bħala xieraq mill-Bord, sakemm li dawn l-applikanti jkollhom kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu.

(2) F'każijiet eċċezzjonali l-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li ma jkollhomx grad tal-ewwel ċiklu, jekk ikun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u jkollhom minimu ta' ħames snin esperjenza fit-tagħlim jew fil-*coaching*, li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-kwalifiki indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Dawn il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu evalwati skont il-proċeduri stabbiliti mill-University Policy for the Recognition and Accreditation of Prior Learning.

(3) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' applikanti li jistgħu jidħlu fil-Kors ikun limitat u l-għadd tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, il-Bord għandu jagħmel klassifika inizjali skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad; u
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost.

(5) L-applikanti li li jaqgħu fi ħdan l-għadd limitat flimkien mal-25 % li jmiss (tan-numru limitat ta' studenti) għandhom jissejħu għal intervista. Il-klassifikazzjoni finali għandha ssir fuq it-total tal-punteġġi miksuba fil-klassifika inizjali kif ukoll fuq il-marka miksuba għall-intervista.

(6) L-intervisti, meta neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri, li jkun maħtur għal dan il-għan mill-Bord.

(7) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament sal-31 ta' Awwissu qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma preskritti b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw id-dissertazzjoni b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imfassal fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

9. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul l-aħħar żewġ semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur, li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka għandhom jitressqu għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sa mhux aktar tard minn erba' gimgħat qabel it-tmiem tat-tielet semestru.

12. (1) L-istudenti għandu jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-supervizjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.